A.L. 54 ta' l-1991

ATT TA' L-1988 DWAR L-EDUKAZZJONI (ATT NRU. XXIV TA' L-1988)

Regolamenti għall-Grad ta' Baċillier tal-Farmaċija (bl-Unuri) B. Pharm. (Hons.)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 28(5) u 29(6) ta' l-Att ta' l-1988 dwar l-Edukazzjoni, il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ippromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 33 ta' dak l-Att.

Titolu fil-qosor

Dawn ir-Regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti għall-Grad ta' Baċillier tal-Farmaċija (bl-Unuri) — B.Pharm. (Hons.) u jgħoddu biss għall-kors li beda f'Ottubru, 1987.

REGOLAMENTI GĦALL-GRAD TA' BAĊILLIER TAL-FARMAĊIJA (BL-UNURI) — B.Pharm. (Hons.) (Japplikaw biss għall-Kors li beda f'Ottubru 1987)

Id-Dħul

1. Biex ikun jista' jidħol għall-grad ta' Baċillier tal-Farmaċija (Bl-Unuri) [B.Pharm. (Hons.)] kandidat jrid:

(i) jissodisfa r-Rekwiżiti tal-Kors skond ir-regolament 3 hawn isfel;

u

(ii) itemm il-kors ta' l-istudji, jikkwalifika fl-eżamijiet, u jissodisfa kull rekwiżit ieħor imniżżel f'dawn ir-Regolamenti.

It-Tul tal-Kors

2. Il-Kors tal-Farmaċija li jwassal għall-grad ta' B.Pharm. (Hons.) jinfirex fuq erba' snin.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. Kandidat jista' japplika biex jidħol fil-Kors tal-Farmaċija jekk għandu:

I. Tliet ċertifikati fil-Livell Avvanzat, jew ekwivalenti, f'dawn is-suġġetti:

(a) (i) Fiżika *jew* (ii) Fiżika-mal-Matematika *jew* (iii) Matematika;
(b) Kimika;
(ċ) (i) Bijoloġija *jew* (ii) Żooloġija.

għall-inqas fi Grad B, jew aħjar, f'wieħed minn dawn is-suġġetti, u Grad Ċ jew aħjar fiż-żewġ suġġetti l-oħra.

II. Ħames ċertifikati fil-Livell Ordinarju, jew ekwivalenti.

Is-suġġetti offruti jridu jinkludu:

(a) Malti (Matrikola ta' Malta);
(b) Lingwa Ingliża;
(ċ) Matematika;
(d) Għallinqas wieħed minn dawn: Għarbi, Franċiż, Ġermaniż, Taljan
(e) Xi suġġett ieħor mill-lista approvata.

Ebda suġġett ma jista' jkun offrut fiż-żewġ Livelli 'A' u 'O'.

Is-Suġġetti tal-Kors

4. Is-suġġetti tal-Kors tal-Farmaċija huma dawn:

L-Ewwel Parti (l-Ewwel Sena)
L-Ewwel Sena

Kimika
Bijoloġija
Metodi Matematiċi
Prattika tal-Farmaċija

It-Tieni Parti (it-Tieni Sena, it-Tielet Sena, ir-Raba' Sena)
It-Tieni Sena

Kimika Farmaċewtika
Farmaċewtika
Farmakoloġija
Fisjoloġija, Bijokimika u Bijoloġija Molekulari

It-Tielet Sena

Kimika Farmaċewtika
Farmaċewtika
Farmakoloġija
Prattika tal-Farmaċija
Farmakonjosija

Ir-Raba' Sena

Kimika Farmaċewtika
Farmaċewtika
Farmakoloġija
Prattika tal-Farmaċija
Farmaċija Klinika.

L-Eżami ta' l-Ewwel Parti

5. Eżami fis-suġġetti li ġejjin isir fi tmiem l-Ewwel Sena tal-Kors:

Kimika
Bijoloġija
Metodi Matematiċi
Prattika tal-Farmaċija.

Ir-Riżultat ta' l-Eżami ta' l-Ewwel Parti

6. (a) F'kull suġġett ta' l-Eżami ta' l-Ewwel Parti l-ismijiet tal-kandidati li għaddew mill-eżami jkunu ppubblikati f'ordni alfabetiku f'kull wieħed minn erba' gruppi, A, B, Ċ u D skond il-livell tal-mertu. Kandidat li ismu ma jidhirx f'xi wieħed mill-erba' gruppi jitqies li weħel mill-eżami fis-suġġett li jkun.

(b) Ir-riżultat ippubblikat ta' l-eżami f'kull suġġett iqis il-partijiet kollha ta' l-eżami f'dak is-suġġett, kif ukoll ix-xogħol magħmul matul il-kors.

Dħul mill-Ġdid fl-Ewwel Sena tal-Kors

7. Kandidat li jeħel fl-Eżami ta' l-Ewwel Parti jitħalla mill-Bord tal-Fakultà jirrepeti l-Kors ta' l-Ewwel Parti fl-okkażjoni li jkun imiss biss.

8. Kandidat ma jitħalliex igħaddi għat-Tieni Parti tal-Kors jekk ma jkunx għadda mill-Eżami ta' l-Ewwel Parti.

Testijiet ta' Progress

9. Fi tmiem kull semestru tat-Tieni u tat-Tielet Sena tal-Kors isiru Testijiet ta' Progress fis-suġġetti studjati fit-Tieni u fit-Tielet Sena rispettivament.

10. Kandidat jitħalla biss igħaddi għat-Tielet u għar-Raba' Sena tal-Kors jekk il-Bord tal-Fakultà jqis li x-xogħol tiegħu fit-Testijiet ta' Progress laħaq il-livell ta' min igħaddi.

Dħul mill-Ġdid fit-Tieni u fit-Tielet Sena tal-Kors

11. Kandidat li ma jitħalliex igħaddi għat-Tielet u għar-Raba' Sena tal-Kors skond ir-regolament 10 jista' japplika lill-Bord tal-Fakultà biex jerġa' jidħol fit-Tieni u fit-Tielet Sena tal-Kors fl-okkażjoni li jkun imiss biss. Jekk il-kandidat jerġa' jiddaħħal, hu jkun mistenni wkoll li jissodisfa kundizzjonijiet oħrajn li l-Bord tal-Fakultà jista' jimponi. (Ara wkoll ir-regolamenti 19.)

Taħriġ fi Spiżerija approvata

12. Matul il-Kors, kull kandidat għandu:

(i) jattendi regolarment għal perijodu ta' erba' xhur fl-Ispiżerija ta' l-Isptar fejn jitgħallem;
u
(ii) jattendi għall-anqas 200 siegħa fi spiżerija tal-Komunità approvata għal dan il-għan mill-Bord tal-Fakultà.

13. Kandidat għandu:

(a) iżomm ktieb ta' kulljum, li jkun ċertifikat mill-ispiżjar li jissorvelja, u li fih jitniżżel ix-xogħol magħmul fl-Ispiżerija ta' l-Isptar u fl-Ispiżerija tal-Komunità. Il-ktieb ta' kulljum ċertifikat kif imiss mill-ispiżjar li jissorvelja għandu jiġi preżentat lill-Kap tad-Dipartiment sa l-aħħar ta' Jannar tar-Raba' Sena;

(b) jikteb rapport qasir fuq aspett tal-farmaċija prattika approvat mill-Kap tad-Dipartiment. Sommarju tar-rapport għandu jiġi preżentat lill-Kap tad-Dipartiment mhux aktar tard mill-aħħar ta' Frar tar-Raba' Sena tal-Kors u r-rapport shih sa Mejju tar-Raba' Sena.

L-Eżami Finali

14. L-Eżami Finali għall-grad ta' B.Pharm. (Hons.) hu magħmul minn:

Kimika Farmaċewtika
Farmaċewtika
Farmakoloġija
Farmaċija Klinika
Prattika tal-Farmaċija
Dissertazzjoni fuq tema approvata.

15. L-Eżami Finali jsir fi tmiem ir-Raba' Sena tal-Kors. Ikun hemm żewġ sessjonijiet ta' dan l-eżami, waħda f'Mejju/Ġunju u waħda f'Jannar.

16. Kandidat irid jagħmel is-suġġetti kollha ta' l-Eżami Finali f'Sessjoni waħda jekk ma jagħmilx l-Eżamijiet skond ir-regolamenti 18 u 19.

17. (a) Ir-riżultat juri l-ismijiet tal-kandidati li għaddew, f'ordni alfabetiku, f'dawn il-kategoriji:

'L-Ewwel Klassi bl-Unuri', 'It-Tieni Klassi bl-Unuri (Taqsima Superjuri)', 'It-Tieni Klassi bl-Unuri (Taqsima Inferjuri)', 'It-Tielet Klassi bl-Unuri' u 'Għadda'.

(b) Ebda kandidat ma jista' jikseb il-grad bl-Unuri jekk ma jgħaddix mill-Eżami Finali fl-ewwel darba li jagħmlu.

Riferiment u Eżami Riparatorju

18. (a) Fl-ewwel sessjoni ta' l-Eżami fi tmiem l-Aħħar Sena, kandidat li jieħu s-sitt suġġetti kollha ta' l-Eżami jista' jkun riferut f'suġġett wieħed jew fi tnejn. Lista ta' dawn il-kandidati tkun ippubblikata u tindika s-suġġett li fih kull kandidat ikun ġie riferut.

(b) Kandidat li ġie riferut f'suġġett wieħed jew fi tnejn jista' jagħmel l-eżami f'dawk is-suġġetti f'sessjoni oħra. Jekk imbagħad igħaddi mill-eżamijiet f'dawk is-suġġetti, ismu jkun inkluż fil-lista ta' dawk li għaddew mill-Eżami Finali kollu. Jekk jeħel ikun meqjus li weħel fl-Eżami Finali u jerġa' jiddaħħal mill-Bord tal-Fakultà fis-Sena Finali tal-Kors.

19. Ebda kandidat ma jitħalla, ħlief b'permess mogħti mis-Senat għal raġunijiet speċjali, jerġa' jagħmel l-Eżami Finali aktar tard minn sitt snin wara li jkun daħal għall-ewwel darba fil-Kors tal-Farmaċija.

Applikazzjoni

20. Dawn ir-Regolamenti japplikaw biss għall-Kors li beda f'Ottubru, 1987.